**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

**IR-RELIĠJON**

**Is-Sitt Sena** **Frar 2016** **Ħin: Siegħa u kwart**

**Isem:**______________________

**Klassi:**_____________________

**Total ta' marki:**



## TAQSIMA A: STORJA TA' MĦABBA

**A.1: Veru** jew **Falz:** (10 marki)

Eż: San Franġisk t'Assisi hu qaddis li ħabb il-ħolqien. ___Veru___

1. L-ewwel bniedem fid-dinja kien Abraham. ____________
2. L-aħħar profeta kien Ġwanni l-Battista. ____________
3. Abraham qatel lil Ibnu Iżakk bħala sagrifiċċju. ____________
4. Mosè ħareġ lill-poplu Lhudi mid-deżert wara 40 jum. ___________
5. Pawlu kien jismu Sawl qabel ma kkonverta. ____________
6. In-nies ta' żmien il-qedem aduraw dejjem lil Ġesù. ____________
7. Ġakobb kellu ħafna tfal, fosthom lil Ġużeppi. ____________
8. Sant'Anna kienet in-nanna ta' Ġesù. ____________
9. Il-poplu magħżul minn Alla kien il-poplu Eġizzjan. ____________
10. Il-profeti kienu l-messaġġiera t'Alla. ____________

**A.2 Ikteb liema kmandament qed nikser meta nagħmel dawn l-azzjonijiet:**



(5 marki)

Eż. Nibda ngħid kliem baxx u nsemmi l-isem t'Alla = **La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal.**

1. Nirrispondi bl-herra lill-ġenituri tiegħi.

_______________________________________________

2. Meta nkun id-dar, moħħni biex nilgħab bil-mobajl u ma mmurx għal-lezzjonijiet tal-Katekiżmu.

_______________________________________________

3. Nibqa' fis-sodda nhar ta' Ħadd u ma nersaqx lejn l-Ewkaristija.

_______________________________________________

4. Rajt lapes, ma kellix bħalu u ħadtu.

_______________________________________________

5. Nivvinta ħafna stejjer mhux veri fuq tifel fil-klassi għax minix ħabib miegħu.

_______________________________________________

**A.3: Min jien? Uża t-tabella t'hawn taħt biex tgħinek issib ir-risposti.**

(5 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Salamun | San Pawl | Santa Eliżabetta | ~~San Ġorġ Preca~~ | Mosè | Il-kuxjenza |

Eż: Jiena qaddis Malti li bdejt is-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M <u>San Ġorġ Preca</u>

1. Jien dik li ġiet iżżurni l-Madonna meta kelli sitt xhur tqala.

   ______________________________

2. Jien kont sultan għaref ħafna li mxejt fuq il-passi ta' missieri David. ______________________________

3. Ma' dan il-bniedem Lhudi li trabba l-Eġittu Alla għamel patt ta' ħbiberija.

   ______________________________

4. Jiena dik il-vuċi f'qalbek li tgħidlek meta tagħmel it-tajjeb u l-ħażin. ______________________________

5. Jiena ġibt il-fidi f'Malta. ______________________________

## TAQSIMA B : IL-BIBBJA

**B.1: Qabbel kolonna A ma' kolonna B permezz tan-numri: L-ewwel waħda hija lesta** (10 marki)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | It-Testment il-Ġdid | | fit-Testment il-Ġdid. |
| 2. | San Mark u San Luqa | | fih 46 ktieb. |
| 3. | Abraham nsibuh | | poeżiji li fihom messaġġ. |
| 4. | Fit-Testment il-Ġdid hemm | | l-messaġġ t'Alla għalina. |
| 5. | San Ġwann u San Tumas | 1 | fih 27 ktieb. |
| 6. | Il-ħajja ta' Ġesù nsibuha | | 4 siltiet mill-Bibbja. |
| 7. | Il-Bibbja hi | | 21 ittra. |
| 8. | It-Testment il-Qadim | | kienu Appostli. |
| 9. | Is-salmi huma | | fit-Testment il-Qadim. |
| 10. | Fil-quddiesa tal-Ħadd naqraw | | kienu Profeti |
| 11. | Iżaija u Eżekjel | | kienu Evanġelisti. |

## TAQSIMA Ċ: IL-KALENDARJU

**Ċ.1: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:** (10 marki)

Is-sena tal-knisja ma timxix mal-kalendarju tagħna imma tissejjaħ Sena Liturġika. Hi maqsuma f'ħames taqsimiet. L-ewwel taqsima hi dik tal-**Avvent** li hu żmien qasir li jippreparana għat-tieni taqsima li hi **Żmien il-Milied**. Wara li jgħaddi dan iż-żmien, ikollna żmien qasir ta' **Matul is-Sena** li jwassal għal taqsima importanti għall-Knisja li hi **Żmien ir-Randan**. Kif jispiċċa r-Randan il-Knisja tiċċelebra l-ikbar festa tagħha fi **Żmien il-Għid** u kif jgħaddi dan il-perjodu nispiċċaw is-sena b'taqsima twila ta' **Żmien Matul is-Sena**.

1. X'tissejjaħ is-sena tal-kalendarju tal-Knisja? (marka)

   ____________________________________________

2. Liema hu ż-żmien ta' sagrifiċċju li fih nagħmlu s-sawm? (marka)

   ____________________________________________

3. Liema hi l-itwal taqsima tas-sena tal-knisja? (marka)

   ____________________________________________

4. F'liema żewġ taqsimiet il-qassis jiċċelebra l-quddiesa bil-kulur vjola?

   (2 marki)

   ____________________________________________

   ____________________________________________

5. F'liema żmien tas-sena tal-knisja nagħmlu festa lil Marija

Omm Alla u l-festa tal-Epifanija? (2 marki)

___________________________________________

5. Agħżel taqsima tal-Kalendarju tal-Knisja li togħġbok u spjega għaliex hi speċjali għalik. (3marki)

___________________________________________

___________________________________________

**Ċ.2: Agħżel il-festi mill-kaxxa u niżżilhom maġenb iż-żmien li fihom iseħħu:** (4 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **San Ġużepp** | **Lapsi** | **il-Kunċizzjoni** | **Kristu Re** |

1. **Żmien l-Avvent = ____________________**
2. **Żmien l-Għid= ________________________**
3. **Żmien ir-Randan = __________________**
4. **Żmien Matul is-Sena= ____________________**





**Ċ.3: Ikteb sentenza li fiha turi d-differenza bejn il-Griżma tal-Isqof u l-Griżma tal-Morda. (3 marki)**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Ikteb sentenza li fiha turi kif il-Qrar u l-Ewwel Tqarbina jmorru flimkien.**

**(3 marki)**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



TAQSIMA D : IL-MILIED

**D.1: Agħżel ir-risposta t-tajba:** (5marki)

Eż: Fil-25 ta' Diċembru niċċelebraw (l-Għid, il-Milied, Lapsi).

1. (L-anġlu Gabrijel, l-anġlu Rafel, l-anġlu Mikiel) kien il-messaġġier t'Alla lil Marija.
2. (San Ġorġ Preca, Sant Antnin, San Franġisk) kien il-qaddis li beda l-ewwel presepju ħaj.
3. San Ġużepp kellu jinżel Betlehem għax kien ġej mill-familja ta' (David, Mosè, Abraham).
4. (Is-Slaten Maġi, Ir-rgħajja, Il-profeti) kienu l-ewwel li raw lil Ġesù tarbija.
5. F'Malta is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. jorganizzaw purċissjoni (bil-Bambin, bl-Irxoxt, bil-Madonna) lejliet il-Milied.

**D.2: Immaġina li se tibgħat kartolina lil Ġesù Bambin f'għeluq sninu. Ikteb il-messaġġ li tixtieq tagħtih f'din il-ġurnata tal-Milied.** (5 marki)



____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**D. 3: Imla l-vojt:** (5marki)

Biex inqerr sewwa rrid nagħmel ħames ħwejjeġ:

1. Naħseb ____________________ sew.
2. ____________________minnhom.
3. Nagħti ____________________ ’l Alla li ma nżidx.
4. Inqerrhom ____________________.
5. Nagħmel il-____________________________ li jagħtini l-konfessur.

TAQSIMA E: NIKKOMUNIKAW

**E.1: Ġesù dejjem ħabb u ħafer lil kulħadd. Agħżel 3 personaġġi minn dawn li ġejjin u għid fi kliemek kif Ġesù ressaqhom lejh:**

(9 marki)

| | |
|---|---|
| **Żakkew** | **Marta** |
| **Il-Ħalliel it-Tajjeb** | **Il-Madalena** |
| **San Pietru** | |

1.________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________.

2.________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________.

3.________________________________________________

________________________________________________

_______________________________________________.



**E.2: Aqra din l-istorja u wara wieġeb il-mistoqsijiet:** (11-il marka)

Lażżru ħu Marija u Marta kien marid u ħutu l-bniet marru jgħidu lil Ġesù għax Ġesù kien iħobbhom ħafna. Meta sema' li kien marid Ġesù qal, "Ħabibna Lażżru rieqed iżda ħa mmur inqajmu." Tumas u l-Appostli kollha marru ma' Ġesù lejn il-belt fejn kienu joqogħdu Lażżru u ħutu.

Meta wasal Ġesù sab li Lażżru kien ġa ilu erbat ijiem fil-qabar u billi Betanja kienet qrib Ġerusalemm ħafna Lhud kienu ġew biex ifarrġu lil ħut Lażżru.

Kif Marta saret taf li kien ġej Ġesù marret tilqgħu u qaltlu, " Mulej, kieku inti kont hawn ħija ma kienx imut." Ġesù qalilha, " Jien hu l-Qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix. U kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."
X'ħin Ġesù resaq lejn il-qabar beka lil Lażżru. Hu ordna li jneħħu l-blata, refa' għajnejh 'il fuq u qal, " Lażżru oħroġ!" U dak li kien mejjet ħareġ, b'idejh u riġlejh infaxxati u b'maktur ma' wiċċu."

1. Għaliex taħseb li Ġesù beka lil Lażżru? (2marki)

___

2. Għaliex Ġesù kellu l-qawwa li jqajjem lil Lażżru? (3 marki)

___

3. Xi jfissru l-kliem ta' Ġesù "Kull min jgħix fija dan ma jmut qatt"?

(3 marki)

___

___

4. Ġesù wera ħniena ma' Lażżru. Aħna kif nistgħu nuru ħniena ma' sħabna tal-klassi li forsi qed ibatu? (3 marki)

___

___

## TAQSIMA F: SIMBOLI TA' MĦABBA

**F.1: Kompli dawn is-sentenzi fi kliemek.** (10 marki)

1. Għandna nuru mħabba lejn l-oħrajn meta

    ______________________________.

2. Nirrispettaw lill-ġenituri tagħna għax

    ______________________________.

3. Ġesù tant ħabb lilna l-bnedmin li wasal biex

    ______________________________.

4. Għandna nuru rispett lejn nies ta' reliġjonijiet oħra għax

    ______________________________.

5. Żewġ reliġjonijiet oħra kbar minbarra dik Nisranija huma

    ______________________________.



**F.2: Poġġi dawn il-kliem taħt il-kolonna t-tajba:** (5 marki)

| |
|---|
| l-Ewkaristija |
| Meta Mosè quddiem Alla fuq is-Sinaj |
| F'wieħed mill-Mirakli ta' Ġesù |
| Fl-Ewwel Tqarbina |
| F'Pentekoste |

| Insibu s-Simbolu tan-Nar | Insibu s-Simbolu tal-Ħobż |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

# TMIEM